

# Il-Karnival Tarxiniż tal-imgħoddi

*Joseph C Camilleri BA DEAM M.Ed*



*Maskarati fil-karnival (Nadur)*

Ħal Tarxien jinsab bieb ma' bieb mal-bliet tal-Kottonera. Għalhekk dak li kien isir f'dawn il-bliet matul il-Karnival, it-Tarxiniżi kienu jkunu jafu bih. Għat-Tarxiniżi, mixja twila lejn Bormla jew l-Isla kienet tkun xalata ideali għall-jiem tal-Karnival. Barra minn hekk, ħafna Tarxiniżi kienu rgħajja tal-mogħoż u għalhekk kienu jħallu r-raħal kuljum biex ibiegħu l-ħalib fl-ibliet tal-Kottonera. Għaldaqstant, dak li kien jiġri f'dawn il-bliet it-Tarxiniżi kienu jkunu jafuh sew. Fuq kollox ħafna Tarxiniżi kienu jaħdmu t-tarzna li wkoll tinsab fil-Kottonera. Tkellem illum, tkellem għada xi darba se tisma' dwar ix-'xalati' li jsiru matul il-jiem tal-karnival. Għalhekk il-karnival kien popolari mat-Tarxiniżi. Mhux ta' b'xejn twieldu drawwiet fost dan il-poplu.

## *Giovedi grass*

Il-Ħamis qabel Ħadd il-karnival kien jum speċjali għat-tfal tar-raħal. Fl-iskola ta' Lanzun (illum Villa Lanzon fi Triq Paola) u fl-iskola tal-Bowyer House (Villa Abela jew Villa Cassar de Sain jew il-Health Farm) kienu jsiru l-kompetizzjonijiet ta' min kien kapaċi jiekol l-aktar. Il-'break' tal-għaxra kien ikun ferm itwal, waqt li l-'break' il-kbir, dak ta' nofsinhar kien ikun iqsar mis-soltu. Minn qabel, kull għalliem kien jagħżel grupp ta' tfal. Dawn kellhom jaħsbu biex iġibu aktar ikel mis-soltu. Billi kull klassi kienet tkun preparat il-grupp tagħha, xi wħud mit-tfal ma kienu jieklu xejn qabel l-iskola, kienu jiffurmaw grupp grupp madwar l-imwejjed ippreparati mill-purtinara. Mad-daqq tal-qanpiena tas-surmast, it-tfal kienu jibdew jieklu. Kien ikun hemm għajjat, insulti, daħk, burdell u xalar. Min kien jgħajjat xi ismijiet u min kien iwaqqa' għaż-żufjett isem ħaddieħor. L-aktar akkaniti kienu l-klassi tat-tfal kbar.



*Villa Lanzon*



*Palazzo Abela fi Triq il-Kbira*

Il-grupp li jiekol l-aktar kien jirbaħ u wara r-rebħa kellu l-unur idur dawra mal-iskola. Kienu jdoqqu l-ħornijiet u kull ħaġa li tiġi f'idejn it-tfal biex juru ma' kulħadd li kienu rebħu. Id-diskors kien jasal għand l-ommijiet li kienu jkunu jistennew it-tfal iż-żgħar joħorġu mill-iskola. "Min rebaħ?" Kienu wkoll ġieli jissemmew xi tfal. L-aktar popolari kienu dawk it-tfal li kienu ħoxnin.

## *Il-Ġimgħa*

Il-Ġimgħa kien jum bħall-oħrajn. Iżda filgħaxija l-ispirtu tal-karnival kien jidħol sewwa fir-ruħ tat-tfal u żgħażagħ Tarxiniżi. Dawn kienu jinġabru grupp grupp ġo xi sqaq. L-isqaqien ta' Wara l-Bjut u madwar il-knisja ta' San Bert kienu popolari mat-tfal. Dawn



l-Isqajjaq

kienu qrib l-iskola u għalhekk kulħadd kien jafhom sew. L-istess ħaġa kienet tgħodd għall-inħawi ta' Sqajjaq, Birkixkill u Xintill. Fihom kienu jinġabru wkoll ħafna tfal. Hawn kien isir il-ftehim. Min kien se jilbes ta' maskarat, min se jilbes il-geżwira u min se jieħu sehem fid-dawra tal-erwieħ.

Il-maskarati kienu xi ħaġa ġdida. Dawn kienu jintlibsu mit-tfal li kellhom xi konessjoni mal-Kottonera jew il-Belt Valletta. L-ilbies ta' maskarat kien ifisser li t-tfal kienu se jmorru l-Belt għall-isfilata tal-karrijiet. Xi wħud kienu jmorru wkoll fl-'enclosure' għaż-żfin tal-karnival. Il-maskarati kien ikollhom maskra li ħafna drabi kienu jixtruha minn xi ħanut bħal ta' Johnnie tas-santi jew minn fejn il-knisja. Il-geżwira kienu dawk li kienu jagħmlu minn kollox biex jiġbru xi ħwejjeġ qodma u jilbsuhom. Wiċċhom kien ikun mimli ġmied. Dawn kienu jiġbru xi tapp tas-sufra u jqabbduh. Wara kienu jgħaddu dan it-tapp fuq wiċċhom. Kienu jagħmlu l-baffi, mustaċċi u mitt ħaġa oħra bħal xi nuċċali. Aktarx dawn it-tfal kienu jinġabru fi gruppi. Xogħolhom kien li jittantaw ix-xemx għaddejja. L-aktar vittmi kienu jkunu t-tfajliet jew xebbiet żgħażagħ.



Birbixkill

Tal-erwieħ kienu xi ħaġa tipika Tarxniża iżda l-ħin tagħhom kien qasir. Dawn kienu jixtru xi liżar u jagħmlu żewġ toqob għall-għajnejn. Kienu jilbsu l-liżar meta jkun dalam sewwa u f'idejhom kien ikollhom xi xkupa. Dawn kienu aktarx jinġabru viċin iċ-ċimiterju ta' l-Erwieħ u jiftehmu biex jgħaddu mit-toroq differenti. Kull grupp ma kienx jiltaqa' ma' grupp ieħor. Kienu jsemmu ismijiet tat-tfajliet u fejn joqogħdu. Ta' min jgħid li aktarx dawn kienu jkunu żgħażagħ ġuvintur bejn is-sittax u l-għoxrin sena. Meta kien jidlam sewwa, dawn kienu jimxu bil-liżar fuq rashom u bl-ixkupa f'idejhom u fejn jidhrilhom kienu jgħollu l-ixkupa u jħabbtu mal-galleriji, twieqi u bibien. L-iskop ewlieni kien iqajjmu paniku fid-djar tan-nies l-aktar fejn kien hemm xi tfajla tajba għaż-żwieġ. Il-ġuvni kien jagħmel minn kollox biex jgħaddi minn quddiem id-dar tagħha kuljum tal-karnival. L-ewwel darba kienet tkun bejn il-Ġimgħa u s-Sibt. L-aħħar darba kienet waħda qasira għaliex bejn it-Tlieta u l-Erbgħa kien jibda Ras ir-Randan. Ġieli nqala' l-inkwiet u daħlu fin-nofs il-pulizija jew il-kappillan. Darba Dun Anton Rapa, kappillan ta' Ħal Tarxien, kellu biċċa inkwiet quddiemu għaliex familja ma setgħetx torqod matul l-iljieli tal-Karnival minħabba qatta' ġuvintur li kienu qed iħabbtu l-ħin kollu fuq il-gallerija tagħhom. Il-missier kien tefa' ilma fuq dawn l-erwieħ iżda t-taħbit kompla sewwa. Għalhekk il-missier kien waħħalha f'rasu li kellu jitfa' l-misħun. L-Omm ma riedetx inkwiet mal-familji ta' dawn iż-żgħażagħ u qalet b'kollox lill-kappillan.

## Ikel

Il-karnival kien ifisser perlini u prinjolata. Jekk wieħed ried jixtri biċċa prinjolata kien hemm il-ħanut tal-ħelu ta' Zammit fi Triq Sammat. Fejn il-knisja parrokkjali kien hemm ukoll xi ħwienet tal-ħelu li kien ikollhom xi biċċiet prinjolata. Dawn il-prinjolati ma kenux kbar bħal dawk tal-Belt Valletta jew tal-bliet tal-Kottonera. Forsi għaliex id-domanda ma kenitx tkun kbira fost il-poplu Tarxiniż. Il-perlini kienu popolari għaliex dawn kienu jintefgħu min-nies tal-karozzini. Il-karrozzini kienu jgħaddu mit-toroq ta' Ħal Tarxien biex jgħaddu għall-Belt Valletta. Dawn kien ikollhom il-maskarati li kienu jissottaw bil-perlini. Il-ħwienet tal-ħelu, bħal ta' Mari ż-żgħira fi Triq Birżebbuġa u tat-Tabibu quddiem Santa Marija kien ikollhom vażetti kbar ta' perlini. Kull vażett kien ikollu perlini tal-istess kulur. Kien ikun hemm perlini bojod, ċelesti, roża u oħrajn sofor.

## Barra mir-raħal

Meta daħlu l-karozzi, l-poplu ta' Ħal Tarxien beda jħalli r-raħal biex jieħu sehem jew jara l-isfilata tal-karnival. Kont tara gruppi ta' ġenituri flimkien mat-tfal ħerġin minn darhom biex imorru kmieni l-Belt Valletta. Dawn kienu jieħdu l-uliedhom biex jaraw l-karrijiet u l-maskeruni, l-karrozzini u l-baned. L-isfilata tal-karnival kienet tibda kmieni wara nofsinhar għaliex kull stejġ kien ikun mimli daqs bajda b'nies jistennew biex imorru l-Belt. Ġieli kont tara wkoll xi karru taż-Żejtun jew ta' Ħal Għaxaq

għaddej, u kienu jifirħu bihom ħafna t-tfal.

## *Tmiem il-karnival*

It-Tlieta tal-karnival kien ikun jum ta' briju iżda għall-ħabta ta' siegħa l-ħajja kienet issib is-iskiet tagħha. In-nies bit-tfal kienu jmorru l-Belt biex jaraw l-aħħar sfilata tal-karnival. Iż-żgħażagħ kienu jippreparaw biex jilsbu għall-aħħar darba l-kostum biex imorru l-ballu tal-karnival. Dawn il-ballijiet kienu jsiru fil-jiem kollha iżda dak tat-Tlieta kien ikun ferm popolari. Dawn il-ballijiet kienu jsiru barra mir-rahal, iżda f'Raħal Ġdid wieħed faċli kien isib fejn imur. L-aktar ċentru popolari kien il-Palazz. Kien hemm ċentri oħra għall-ballijiet għaż-żgħażagħ Tarxiniżi. Kien hemm oħrajn fil-Kottonera, fil-Ħamrun u anke fil-Belt Valletta. Ġieli kont tisma' li kienu ġabru xi prajvit biex imorru xi ballu. L-aktar li kien ikun hemm kienu ġuvintur iżda meta t-tfajliet bdew joħorġu jaħdmu fil-fabbirki tal-Marsa l-ħajja rat bidla kbira u fil-prajvit kont tara wkoll xebbiet.

## *Il-knisja*

Matul il-jum tal-karnival kien ikun hemm siegħa adorazzjoni fil-knsija parrokkjali. Kien ikun hemm ukoll l-espożizzjoni tas-Sagrament. Tal-Mużew kienu jieħdu t-tfal tad-duttrina għal xi ħarġa speċjali u jispiċċaw 'l bogħod kemm jista' jkun. L-iskop kien li t-tfal ma jmorrux il-karnival tal-Belt. Il-karnival kien għalihom mezz ideali għad-dnubiet. Il-kappillan kien jagħmel il-parti tiegħu wkoll, billi jippriedka li l-karnival kien mezz tad-dnub. Iċ-ċentri taż-żgħażagħ kienu attivi ħafna f'dawk il-jiem, l-aktar dak tal-Azzjoni Kattolika jew kif nafuh bħala l-'Youth Centre". Dun Ġwann Sant kien jagħmel kollox biex jiġbor it-tfal kbar u żgħażagħ hemm. Il-kappillan kien javża li kull min juża xi maskra kellu l-obbligu li jmur sa Ħaż-Żabbar għall-Ħadd in-Nies. Għat-Tarxiniżi, Ħaż-Żabbar hu post qrib għalhekk kienet drawwa li wieħed idur il-knisja ta' Ħaż-Żabbar u jitlob maħfra talli kien libes il-maskra jew aħjar ta' kull għemil li kien għamel meta inħeba wara l-maskra.



Perlini

Il-karnival kien jintesa. Xi biċċa karru fl-għelieqi ta' Sardinja jew viċin in-niċċa tal-Lunzjata. Xi perlini għand tal-ħanut jekk kont issib għaliex l-għada jkun Ras ir-randan. Jekk wieħed kien imur għand xi ħanut tal-ħelu



Wara l-Bjut (Triq Santa Marija)

biex jixtri xi perlina kont issib li anqas il-vażetti ma kien ikollhom fuq l-ixkafef. Niftakar Ġużeppa tat-Tabibu li kien ikollha l-aqwa perlini fis-suq, kienet tneħħi kull vażett minn fuq l-ixkafef. L-istess ħaġa kien jagħmel Johnnie tas-santi li kellu ħanut qrib l-għassa ta' Ħal Tarxien. Dan kien ineħħi kull maskra u jerfagħha għall-karnival li kien imiss.

Dawn huma memorji sbieħ ta' raħal, mimli nies li s-Sinjur digà sejħilhom. Nies sempliċi, iżda b'imħabba kbira lejn il-Madonna, lejn il-proxmu u lejn id-drawwiet li wiret mingħand missirijietu. Illum ħafna drawwiet mietu u l-maskarati saru jsibu l-ilbies fil-ħwienet, il-maskri saru tal-biża', il-perlini saru rari, l-prinjolata saret tidher minn żmien qabel il-karnival u l-ħwienet tat-Tabibu u ta' Johnnie tas-Santi mietu fis-skiet li sar isaltan madwar il-ħitan tagħhom.



Prinjolata